

32004R0384

2.3.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 64/21

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 384/2004  
ta' l-1 ta' Marzu 2004  
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-merkanzija msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistabilixxi r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għan-nomenklatura oħra li hija bbażata, fl-intier jew parti minnha, fuqha jew li tgħodd xi suddiviżjoni eventwali u li hija stabbilita minn disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità bil-għan għall-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra li għandhom x' jaqsmu mal-kummerċ tal-merkanzija.
- (3) Skond dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija msemmija f'kolona 1 tat-tabella misjuba fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-Kodiċi NM indikati fil-kolona 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imsemmija fil-kolona 3.
- (4) Huwa xieraq li tiġi pprovduta li, jekk dik l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li jkunu maħruġa mill-awtoritajiet

tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda ma tkunx skond dan ir-regolament, għall-perjodu ta' tliet xhur id-detentur jista' jibqa' jinvoka l-merkanzija. Dan isir skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-merkanzija deskritta fil-kolona 1 tat-tabella msemmija fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikati fil-kolona 2.

*Artikolu 2*

Informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhijiex skond dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għall-perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara il-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, fl-1 ta' Marzu 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Frederik BOLKESTEIN

*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1, Regolament hekk kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2344/2003 (ĠU L 346, tal-31.12.2003, pġ. 38).


<sup>(2)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1992, pġ. 1, Regolament hekk kif emendat mill-Att ta' l-Adeżjoni tal-2003.

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-merkanzija	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>1. connector għall-kejbil tal-fibra ottika, mhux immontat, li għandu dawn il-komponenti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— biċċa waħda tal-connector ta' metall vili bl-interjur magħmul mill-plastik u bil-vajlora magħmula miċ-ċeramika, iżda b'molla ta' l-azzar;</li> <li>— tubu wieħed ta' metall vili bit-tarf dejjaq;</li> <li>— ċilindru wieħed tal-plastik bi crimp sleeve ta' l-aluminju;</li> <li>— żewġ detenturi tal-plastik.</li> </ul> <p>Il-parti tal-connector tista' tkun immontata ma' partijiet oħra u wieħed mid-detenturi biex jifforma connector.</p> <p>Fibra ottika individwali u inforrata hija mogħdija minn ġol-vajlora u mwaħħla sew magħha.</p> <p>Il-connector jintuża bħala element ta' komunikazzjoni għall-kejbils tal-fibra ottika.</p>	6909 19 00	<p>Il-Klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regolamenti Ġenerali 1, 2(a), 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-mod ta' kif inhu użat il-kliem fil-Kodiċi NM 6909 u 6909 19 00.</p> <p>Il-connector mhux ikkunsidrat bħala parti jew aċċessorju tal-kejbil tal-fibra ottika.</p> <p>Il-connector għandu jkun ikklassifikat skond il-materjal kostitwenti. Il-karattru essenzjali hija mogħtija mill-vajlora.</p>
<p>2. Apparat li jinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— fann assjali b'mutur eletroniku u b'montatura eletronika biex tkun aġġusta l-qawwa tal-fann.; u</li> <li>— sink tas-sħana ta' l-aluminju.</li> </ul> <p>Il-funzjoni ta' l-apparat huwa li jneħħi s-sħana żejda mill-unità ċentrali ta' l-ipproċessar ta' magna awtomatika tal-ipproċessar tad-data.</p>	8414 59 30	<p>Klassifikazzjoni hija ddeterminata mid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-mod ta' kif inhu użat il-kliem fil-Kodiċi NM 8414, 8414 59 u 8414 59 30.</p> <p>Il-fann jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali. Huwa l-komponent ewlieni biex titneħħa s-sħana żejda.</p>
<p>3. Oġġett (żarbun tas-silġ) b'kejl ta' 65 ċm (tul) u 23 ċm (wiesa) li għandu l-istruttura tiegħu magħmula mill-aluminju u mġhotti bil-plastik. Fuq naħa minnhom ġej għad-djieg filwaqt illi n-naħħa l-oħra ġej għat-tond. Din l-istruttura għandha, konness magħha, biċċa plastik ta' 1 mm fi ħxuna li għandha partijiet maqtuġhin biex jitpoġġew xfafar tal-metall bil-għan li l-persuna timxi aħjar u ma tiżloqx hi u miexja fuq is-silġ. Pjanċa tal-metall li ma tintwerx hija mwaħħla sew ma' l-istruttura fuq in-naħa ta' fuq tal-biċċa tal-plastik. Biċċiet tal-gomma huma mwaħħlin mal-pjanċa biex iduru maż-żarbun meta dan jintlibes. Dawn il-biċċiet tal-gomma għandhom ukoll biċċiet oħra tal-gomma jew drapp biex l-oġġett ikun jista' jitwaħħal maż-żarbun.</p> <p>L-oġġett jintuża biex jgħin lil persuna timxi fuq is-silġ.</p> <p>Ara ritratt A (*)</p>	9506 99 00	<p>Klassifikazzjoni hija ddeterminata mid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-mod ta' kif inhu użat il-kliem fil-Kodiċi NM 9506, 9506 99 u 9506 99 00.</p> <p>Dan mhux tagħmir għall-ippattinar fuq is-silġ u ma jintużax għall-ippattinar.</p> <p>Dan mhux tagħmir għall-eżerċizzju fisiku-ġenerali.</p> <p>Dan il-prodott huwa kkunsidrat bħala oġġett għall-isport li jsir barra.</p>
<p>4. Rota ta' metall vili, b'diametru ta' 6,74 mm, toqba fin-nofs bil-kobor ta' 3 mm u ħxuna ta' 3,54 mm, bis-snien.</p> <p>Il-Prodotti huwa magħmul biex jiġi nkorporat fil-mekaniżmu tat-tqabbid ta' lajter tas-sigaretti.</p> <p>Ara ritratti B (*)</p>	9613 90 00	<p>Klassifikazzjoni hija ddeterminata mid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-mod ta' kif inhu użat il-kliem fil-Kodiċi NM 9613 u 9613 90 00.</p> <p>L-objettiv prinċipali ta' din ir-rota hija fil-fabbrikant ta' mekkaniżmi tax-xrar għall-lajters tas-sigaretti ta' Intestatura 9613.</p>

(\*) Ir-ritratti qegħdin hemm bħala informazzjoni.

A



B

